

# Xejriet demografiċi fil-Fontana

*Kitba ta' **Dr Mario Saliba***

Meta ġie f'idejja il-magażin *L-Għajn il-Kbira,* Ħarġa Nru. 39, li kienet tfakkar il-mitt sena parroċċa (1911 – 2011), rajt b'interess l-aħħar artiklu li kien jitratta l-istatistika mir-reġistri tal-parroċċa. Din l-istatistika turi l-għadd ta' magħmudijiet, in-numru tat-tfal li rċievew il-Griżma tal-Isqof u l-għadd ta' żweġijiet u mwiet li saru fil-Fontana minn mindu twaqqfet dil-parroċċa fl-1911 sa din is-sena 2011, perjodu ta' mitt sena. Għalkemm is-sena 2011 hija imniżżla wkoll din mhux suppost qiegħda hemm għax għadna f'nofsha. L-istatistika inġabret f'ħames perjodi ta' 20 sena 'l wieħed għalhekk hija summativa u ma tiġborx l-istatistika sena b'sena. Għalhekk l-analiżi ta' din l-istatistika hija b'mod ġenerali u l-istampa li toħroġ hija biss indikazzjoni fuq perjodi ta' 20 sena u mhux stampa dettaljata sena b'sena.

L-ewwel ħaġa li wieħed jinnota hi li l- perjodu 1951-1970 kien il-perjodu fejn kien hemm reġistrati l-iktar magħmudijiet, l-iktar għadd ta' tfal li rċivew il-Griżma tal-Isqof u l-iktar għadd ta' żweġijiet. Inċidentalment dan kien il-perjodu meta jien għixt fil-Fontana mal-ġenituri tiegħi. Jien twelidt fl-1956, is-sena meta Dun Nikol Cauchi kien laħaq ir-raba' Kappillan tal-Fontana. Huwa ħa l-pusses fis-27 ta' Mejju meta jiena kelli kważi 5 xhur. Huwa dam Kappillan sitt snin biss, sal-aħħar ta' Settembru tal-1962. Meta suppost li għamilt l-Ewwel Tqabina kont marid bid-deni, għax kont nimrad spiss bit-tonsilli u għalhekk spiċċajt għamilt il-Preċett waħdi wara li għaddiet il-festa tal-Qalb ta' Ġesù u kien qarbinni l-Kappillan Dun Nikol. Meta mbagħad sar Isqof amministrali s-sagrament tal-Konfermazzjoni ukoll. Jiena wara li ggradwajt iżżewwiġt u mort noqgħod in-Nadur fejn għadni sallum.

Jekk naraw l-għadd ta' mwiet, f'dan il-perjodu (1951 – 1970) kienu reġistrati l-inqas numru ta' mwiet, ftit iktar minn 150. Ir-raġuni ta' dan mhux faċli li tkun tafha. Biss fil-perjodi ta' wara (1971 – 1990 u 1991 – 2011) l-għadd ta' mwiet baqa' kważi l-istess. Ta' min jinnota ukoll li l-għadd ta' mwiet mit-twaqqif tal-parroċċa (1911) sal-1951 naqas kważi bin-nofs. Dan jista' jkun minħabba li f'dan il-perjodu kien hemm żewġ gwerer dinjija u wieħed jassumi wkoll li l-mediċina għamlet xi passi 'l quddiem ukoll u għalhekk kien hawn iktar kura għall-mard. Raġuni oħra hija li l-popolazzjoni tal-Fontana mill-1991 sal-1967 bdiet tikber u skont iċ-ċensiment tal-1967, fil-Fontana kienu joqogħdu 893.

Jekk inħarsu lejn il-popolazzjoni tal-Fontana matul is-snin naraw li din bdiet tonqos mill-1967 'l hawn. Skont iċ-ċensiment tal-1985 kienet 836, jiġifieri fi żmien għaxar snin naqset b'57. Fl-1995 reġgħet naqset b'19 u skont l-aħħar ċensiment żdiedet għal 850, 33 iktar mill-1995, iżda 43 anqas mill-1967.

Jekk issa nħarsu lejn il-parroċċa mill-att fiżiku naraw li l-parroċċa kibret fid-daqs matul is-snin għax saru toroq iktar u nbnew iktar djar. Toroq ġodda li jien nafhom għelieqi huma Triq John Gaspard le Marchant, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi u Triq Wied Siekel li jinsabu kollha n-naħa ta' Santa Dminka, Triq ta' Mulejja, Triq is-Sajjieda u Triq San Martin. Dawn it-toroq kollha bdew jinbnew wara l-1990 u għalhekk kien hemm żieda fin-numru ta' familji ġodda. Din iż-żieda ma kenitx riflessa fin-numru ta' magħmudijiet għax fil-fatt in-numru ta' magħmudijiet naqas. Dan jista' jkun minħabba li mhux it-trabi kollha kienu mgħammdin fil-parroċċa tal-Fontana. Biss l-għadd ta' tfal li rċivew il-Griżma tal-Isqof fl-istess perjodu żdied bi ftit. Jekk naraw l-għadd ta' żweġijiet dan naqas wara l-1990 u baqa' jonqos sal-2011. Ir-raġuni ta' dan tista' tkun li ż-żgħażagħ Fontanin iżżewġu barra r-raħal tagħhom.

Raġunijiet oħra għaliex minkejja li l-Fontana kiber ġeografikament f'dawn l-aħħar 20 sena xorta kien hemm tnaqqis fil-popolazzjoni. Dan huwa minħabba li l-familji tallum huma iżgħar minn ta' dari. Illum, is-soċjeta` qed tinbidel u anke il-familja. Qed ikollna forom ġodda ta' familji, fosthom familji b'ġenitur wieħed. Ħafna koppji minħabba esiġenzi ta' xogħol, djun mal-banek u studju jiddawru biex jkollhom it-tfal. Barra minn hekk r-rata tat-twelid qed tonqos ukoll minħabba nuqqas fil-fertilita` tal-koppja minħabba ir-raġunijiet li ġa semmejna.

Din l-istatistika, minkejja li hi ta' parroċċa żgħira tirriffletti t-*trends* demografiċi nazzjonali. Illum hawn ħafna moviment tan-nies u f'raħal żgħir bħal Fontana issib ukoll numru kbir ta' familji li mhumiex mir-raħal u għalhekk forsi ma jagħmlux parti mill-komunità parrokkjali. Illum, il-Kunsill Lokali iktar qed jieħu importanza u biex ngħid hekk qed tonqos l-influwenza tal-parroċċa bħala komunità għax ċivilment huwa il-Kunsill Lokali li qed iservi lin-nies kollha tal-Fontana. Il-Kunsill Lokali illum sar jagħmel diversi attivitajiet kulturali u soċjali bħal ħarġiet għall-anzjani li qabel kien jieħu ħsiebhom il-Kappillan. Din il-bidla ma fiha xejn ħażin jekk il-Kunsill joffri xi servizzi li qabel kien joffrihom il-Kappillan. Anzi, naħseb li dan huwa tajjeb u jekk il-parroċċa u l-Kunsill jaħdmu flimkien jista' jsir ħafna ġid.